MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 33/2013

**Salvu Spiteri kemm f'ismu propju kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem 'S. Spiteri Catering Equipment Supplies'**

**Vs**

**Pauline Grima**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenuta tigi kkundannta thallas lilhom is-somma ta' tlett elef erba mija u erbgha u disghin Ewro (€ 3494) bilanc ta' prezz minn somma akbar dovut ghal bejgh ta' catering equipment mibjugh u kkonsenjat. Dan bl-ispejjes kif mitlub fl-avviz u bl-imghaxijiet.

Illi l-konvenuta wiegbet permezz ta' risposta fejn eccepiet illi hija ma ghandha thallas xejn ghaliex effettivament gia hallset elfejn Ewro (€2000) u l-atturi regghu hadu l-apparat mibjugh lura.

Ra l-atti kollha tal-kawza nkluzi d-dokumenti esebiti.

Sema x-xhieda u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju ta' l-elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi din it-talba tirrigwarda hlas illi l-atturi jippretendu minn ghand il-konvenuta wara li bieghula apparat tal-catering, sabiex din tkun tista tiggestixxi negozju li hi fethet f'dan il-qasam. Jidher illi l-konvenuta ma marrittx sew u ghalqet in-negozju wara tlett xhur. L-atturi regghu marru gabru dak l-apparat li bieghu lura, fejn sabu kollox zdingat u mitluq. Certa oggetti mibjugha ma ngabrux lura ghaliex ma kienux fuq il-post.

L-attur Salvu Spiteri spjega dan kollu. Min naha l-ohra l-konvenuta ma xheditx f'dawn il-proceduri u l-anqas gabet xi provi.

L-ammonti prodotti mill-attur huma fin-nuqqas ta' oppozizzjoni sodisfacentament pruvati. L-uniku diskussjoni, u li anke qajjmet il-konvenuta fil-kontro ezami tal-attur kienet dwar il-mod kif gew stmati l-oggetti li gew mehudha lura mill-attur. L-attur jghid illi dawn l-oggetti huma sekonda mano u ghalhekk il-valur taghhom jaqa'. Dan it-tribunal ra' d-dokument SS1 a fol 48 tal-process dwar il-mod kif gew stmati l-oggetti migbura. It-tribunal jifhem illi dawn l-oggetti huma sekonda mano, izda jifhem ukoll illi kull ma kienu ilhom ghal l-uzu anqas minn tlett xhur. Jemmen ukoll lil attur, illi bicca minn l-apparat kien mahmug u thalla bi prodotti jiddisintegraw go fih. Izda dan ma huwiex hsara, jew xi haga li tnaqqas drastikament il-valur ta' l-apparat. Ghall-anqas l-attur ma allegax dan. Min naha l-ohra dan it-Tribunal jifhem illi l-oggett li jkun sekonda mano jitlef hafna mill-valur tieghu.

Dan it-tribunal jemmen illi l-atturi kienu ftit idejhom maghluqa fil-valuri li attribwew lil oggetti ritornati. Wara li ra l-mod kif gew stmati u wara li kkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz, dan it-ribunal jidirlhu illi arbitrio boni viri ghandu jzid il-valur ta' l-oggetti ritornati bis-somma ta' mija u erbgha u disghin Ewro (€194); li allura jridu jonqsu mis-somma mitluba. Ghaldaqstant is-somma dovuta ghandha tkun dik ta' tlett elef u tlett mitt Ewro (€ 3300).

Dwar l-imghax, tenut kont illi dan il-kaz jitrata minn tranzazzjoni kummercjali, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-konsenja skond il-fatturi esebiti fl-inkartament processwali.

Dwar l-ispejjes minkejja li sar temperament zghir fl-ammont dovut, dan it-tribunal hu tal-fehma illi jkun biss gust u ekwu illi l-ispejjes jigu supportati mill-konvenuta, li ma tantx jidher illi kienet strumentali sabiex l-affarijiet jissolvew, u dan anke johrog car mill-mod kif ikkonduciet il-parti tal-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi dan it-tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza bili jilqa t-talbiet attrici bil-mod spjegat, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta; jikkundanna lil istess konvenuta thallas lil attur Salvu Spiteri is-somma ta' tlett elef u tlett mitt Ewro (€ 3300). Bl-imghax mid-data tal-

konsenja kif indikata fil-fatturi esebiti fil-inkartament processwali. L-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tad-9 ta' Mejju 2013, l-ittra ufficcjali bin-numru 75/2013 fl-istess ismijiet u dak tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, msemmi fl-avviz, ghandhom ikunu a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------